MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 639/2008

**Joseph u Olympia konjuġi Zammit.**

**-vs-**

**Anthony Sammut.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta’ Ġunju, 2008 li permezz tiegħu l-atturi esponew bir-rispett:

1. Illi l-esponenti huma s-sidien tal-fond numru 44, ‘Olympia’, Triq il-Qasab, San Ġwann filwaqt li l-intimat jippossjedi l-fond adjaċenti numru 38, Triq il-Qasab, San Ġwann;

2. Illi reċentement l-intimat wettaq bil-moħbi xogħlijiet li permezz tagħhom għadda fili (*wire*) elettriċi mill-fond tiegħu għal fuq il-fond proprjeta' ta' l-esponenti;

3. Illi tali att jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-esponenti;

4. Illi minkejja li l-intimat ġie nterpellat sabiex ireġġa' lura x-xogħol li għamel dan baqa' inadempjenti u għalhekk, l-esponenti kellhom jirrikorru għal din l-azzjoni.

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li l-intimat wettaq spoll reċenti, vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-esponenti u għalhekk l-intimat għandu jiġi kkundannat ireġġa' lura x-xogħlijiet li għamel u jirrintegra lill-esponenti fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tiddikjara li għar-raġunijiet premessi, l-intimat ikkommetta spoll klandestin u vjolenti għad-dannu ta' l-esponenti;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju jagħmel dawk ix-xogħlijiet rimedjali kollha opportuni sabiex jirriprestina lill-esponenti fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom u dan billi jneħħi kwalsiasi fili li għadda minn fuq il-proprjeta' ta' l-esponenti, *occorrendo* bl-opera ta' Perit nominandi;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-istanti jagħmlu dawn ix-xogħlijiet rimedjali a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċċjali fl-istess ismijiet ippreżentata nhar il-11 ta' Ġunju, 2008, kontra l-intimat li minn issa hu nġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu tardivament.

Rat ir-rikors ta' l-attur li permezz tiegħu talab l-isfilz tar-risposta minħabba li ġiet preżentata tardivament.

Semgħet lill-konvenut u lil Dr. Pio Valletta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq din it-talba.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut biex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu qed jgħid li huwa baqa' kontumaċi għaliex l-Avukat tal-fiduċja tiegħu Dr. Valletta kien imsiefer meta ħadlu l-atti tal-kawża u allura ħallihomlu l-uffiċċju. Naturalment meta Dr. Valletta sabhom ikkomunika miegħu u ppreżenta r-risposta.

Il-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar snin irrilassaw mhux ftit fid-diskrezzjoni tagħhom biex jakkordaw lill-konvenut kontumaċi l-fakolta' li jippreżentaw id-difiża tagħhom. Per eżempju fil-kawża Joseph Naudi Montalto vs Emanuel Xuereb deċiża fis-27 ta' Frar, 1995 din il-Qorti elenkat numru ta' regoli dwar sitwazzjonijiet simili.

Dawn huma:

1. Il-kontumaċja ma tistax tiġi ġustifikata jekk kienet volontarja.

2. Anqas tista' tiġi skużata jekk almenu kolpuża (ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Cilia vs Farrugia (Appell Inferjuri – 29 ta' Novembru, 1958).

3. Biex ikun hemm lok għal ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi ppruvata kawża ġusta.

4. Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu.

5. L-impediment biex ikun leġittimu għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi.

6. L-iżball mhux impediment leġittimu jekk ma jkunx invinċibbli.

7. Dan l-impediment leġittimu jista' jkun *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili.*

8. L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikolta' gravi biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandu jkun fiżiku u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.

F'dan il-każ il-Qorti ma tħossx li l-konvenut jista' jgħaddi minn dan it-*test*. L-ewwel nett huwa ħa l-atti għand l-Avukat ftit ġranet ma għalqu l-għoxrin ġurnata biex jippreżenta r-risposta. Meta ma sabux hemm kien jaf li wasal biex jagħlaqlu t-terminu u dan minkejja l-fatt li l-Avukat dam imsiefer biss tlett ijiem – u dan ifisser li l-konvenut ħa l-iżbriga li jmur ikellem lill-Avukat ġurnata jew tnejn qabel għalaq it-terminu u għalkemm ma sabx lill-Avukat l-uffiċċju baqa' inerti u ħalla l-atti l-uffiċċju ta' l-Avukat. Għalhekk ma jista' jwaħħal f'ħadd u f'xejn ħlief fih innifsu.

**Il-Qorti għalhekk tilqa' t-talba ta' l-attur u tordna l-isfilz tar-risposta ġuramentata tal-konvenut u tiddikjarah kontumaċi fil-kawża.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------